Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64

Data tal-laqgħa: 17 ta' Ġunju 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fit-8.00 ta' filgħodu.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre' Grech – Viċi Sindku
Daniel Muscat Caruana – Kunsillier
Desmond Zammit Marmara' – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku n-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

64.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 63

64.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Numru 63. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

64.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 64.3 L-Ittra ta' Direzzjoni 2018 u r-Risposta tal-Kunsill

64.3.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta' Direzzjoni li rċevejna fit-3 ta' Ġunju 2019 (li ġġib id-data tal-25 ta' April 2019) u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill li ġġib id-data tas-17 ta' Ġunju 2019. Kopja ta' dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

64.3.2 Il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE biex tkun tista' tintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Udituri tal-Gvern Lokali.

## 64.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

64.4.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 6/19 li tammonta għas-somma ta' €25,459.55c, li tinkludi l-ammont ta' €91.96c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Mejju 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda ta' pagamenti.

64.4.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat Caruana li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 64.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

64.5.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.10am.

64.5.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir illum stess, it-Tnejn, 17 ta' Ġunju 2019 fit-8.30am.

Konfermati, illum it-Tnejn, 17 ta' Ġunju 2019.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |